MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 1124/1997/1

**Avviz. numru 1124/97**

**Numru**

**Joseph u Theresa konjugi Abela**

**Vs**

**Simon Gatt u Anthony Ferris u b'digriet tal-20 ta' Marzu 1998 giet kjamata in kawza Lorraine Ferris mart Anthony**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li:

1. prevja dikjarazzjoni minn din l-Qorti li l-konvenuti jew min minnhom responsabbli, bhala preprjetarji tal-bini fit-

tieni sular u dak fit-tielet sular adjacenti ghall-fond bl-isem "Dolphin" numru 28 u b'digreet tas-26 ta' Jannar 1999 in-numru 28 jigi sostitwit b'88 f'Saint Simon Street , Bugibba li jappartjeni lill-atturi, ghad-danni sofferti mill-istess atturi meta f'Settembru tal-1995 dahal l-ilma mill-bini taghhom fuq imsemmi ghal gol fond ta' l-attur imsemmi ukoll fl-avviz, u;

2. l-likwidazzjoni tad-danni li gew hekk sofferti mill-atturi;

3. ihallsu lill-atturi d-danni li jigu likwidati kif hawn mitlub; bl-ispejjez kontra l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni reklamati ma jeccedux is-somma ta' Lm650.00,0.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Ferris (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi c-citazzjoni fil-konfront tal-eccepjeni hija nulla u bla effett stante li si tratta ta' beni parafernali, u fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti huwa mizzewweg, u martu ma gietx imharrka.
2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li bhala proprjietarju tal-bini hawn indikat saret hsara fil-bini tal-atturi.
3. Illi fit-tielet lok, il-bini li sar mill-eccipjenti sar skond is-sengha u l-arti, anke rigwardanti l-fondi l-ohra adjacenti ghall-fond tal-atturi, anke dawk mhux indikati fl-avviz.
4. Illi fir-raba lok, l-eccipjenti ma hija responsabbli ghall-ebda dannu, u l-istess allegati hsarat (fi kwalunkwe kaz esagerati) gew ikkawzati mill-istess atturi u mill-konvenut l-iehor, u l-eccipjenti ma kellhu x'jaqsam xejn.
5. Illi fil-hames lok, u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni rikjamat ta' sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650,00) huma esagerati, u saru mill-atturi abusivament u minn jeddhom, bla ma hadu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jimminimizzaw id-danni u l-hsara, kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat dak verbalizzat a fol 7 tal-atti waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 1997 minn fejn jidher illi l-konvenut, Simon Gatt, ammetta r-responsbilta tieghu fil-kaz in esami u illi dan il-konvenut iddikjara ukoll li hu hallas 'il-parti tieghu ' (ara ukoll fol 19 u fol 37 ibid).

Rat id-digriet Taghha moghti fl-20 ta' Marzu 1998 u li bih giet kjamata in kawza mart il-konvenut Anthony Ferris, Lorraine Ferris (ara fol 8 tal-atti) li giet debitament notifikata (fol 12 ibid).

Rat id-digriet taghha moghti fis-26 ta' Jannar 1999 u li bih in-numru tal-post in kwistjoni gie korrett minn '28' ghal '88' (fol 13 ibid).

Rat li l-konvenut Anthony Ferris u martu kjamata in kawza gew notifikati bl-avviz kif hekk korrett fit-13 ta' Novembru 2000, (ara fol 25 'a tergo') u illi dawn, b'nota a fol 29 ibid irrilevaw illi gew notifikati bl-istess avviz kif korrett f'din id-data izda 'b'appuntament ghal qabel dik id-data u cioe ghat-30 ta' Ottubru 2000' (ara ukoll fol 30 ibid).

Rat li l-istess avviz kif korrett gie notifikat lill-konjugi Ferris fit-22 ta' Jannar 2003 (fol 39 'a tergo').

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konjugi Ferris (fol 44 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kapiotlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma kkagunaw l-ebda danni lill-atturi;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 51 u fol 52 ibid.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenuti, il-konjugi Ferris, l-uniku xhud li xehed hu l-

istess konvenut Anthony Ferris (fol 49 u fol 50 ibid) li hu kien gie notifikat bl-avviz fit-3 ta' Jannar 2003 u xejn aktar.

Ikkunsidrat

Illi s-sewgenti fatti, fil-fehma tal-Qorti, huma rilevanti vis-à-vis l-eccezzjoni in esami.

a) L-istess artikolu hawn fuq citat jghid illi l-azzjonjiet kollha elenkati fih huma preskritti bit-trapass ta' hames snin.
b) L-azzjoni in esami hi wahda li tirreferi ghall-hlas ta' danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tad-dhul ta' "…. Ilma mill-bini taghhom fuq imsemmi ghal gol-fond ta' l-atturi ….".
c) Presumibilment il-konvenuti kienu qed jirreferu ghall-artikolu 2156(f).
d) Inoltre l-istess konvenuti qedin jibbasaw l-istess eccezzjoni fuq il-fatt illi l-avviz in esami kien gie korrett b'digriet moghti fis-26 ta' Jannar 1999 u l-avviz kif korrett kien gie, finalment, fit-22 ta' Jannar 2003 (fol 39 'a tergo') jew fit-3 ta' Jannar 2003, kif specifika l-konvenut fix-xhieda tieghu.

Illi, pero', jigi notat illi l-artikolu 2129 tal-istess kodici jghid illi att gudizzjarju jopera sabiex jinterrompi t-trapass tal-perjodu ta' preskrizzjoni anke jekk hu irregolari.

Illi,f'dan il-kaz, l-avviz kien gie presentat fis-6 ta' Gunju 1997 u notifikat lil konjugi Ferris fid-19 ta' Gunju 1997 u il-fatt illi l-avviz kien gie korrett, kif hemm fuq spjegat, u notifikat mill-gdid ma jirrendiex in-notifika tal-avviz qabel l-istess korrezzjoni bhala ineffettiv fl-intenzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni u ghalhekk l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta. Ghandu jigi notat ulterjorment illi meta xehed il-konvenut, dan ma specifikax minn meta beda' jiddekorri l-istess perjodu. Inoltre l-istess konvenut ma iccitax l-artikolu bis-subinciz applikabbli ghal dan il-kaz, kif tenut li jaghmel meta tigi sottomessa eccezzjoni bhal dik in esami.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li s-smiegh ta’ dan il-kaz jitkompla sabiex jigi deciz fil-meritu wara li jigu konsiderati l-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi mill-konjugi Ferris.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------